# L-Istatwa tal-Madonna tad-Dar

***Kitba ta' Maria Xerri***





Ħafna kienu dawk li xtaqu li fir-raħal tagħna tibda ssir dimostrazzjoni matul il-Festa ad unur il-Madonna ta' Loreto. L-Għajnselmiżi, li l-festa tar-raħal tagħhom minn dejjem kienet għal qalbhom, raw kif għamlu u ħabirku sabiex ikunu jistgħu jbiddlu din il-ħolma f'realta`!

Minn hemm bdew id-diskussjonijiet ta' x'tip ta' statwa għandha tiġi ordnata għal dan il-għan. Primarjament, il-ħsieb kien li din l-istatwa ssir bħal dik tat-titular. Oħrajn, mill-banda l-oħra, kienu tal-fehma li għandha tkun statwa tal-Madonna fuq id-Dar. Din tal-aħħar setgħet tagħti lok sabiex tingħata spinta lit-tradizzjoni tal-Madonna ta' Loreto – dik tat-tranżlazzjoni tad-dar tal-Madonna – *"Minn ġo Nazzaret għad-Dalmazja, mid-Dalmazja bl-għeġubijiet, fuq il-ġwienaħ minn tal-Anġli, din id-Dar f'Loretu ġiet."* Ovvjament din ma kinitx xi biċċa xogħol żgħira għalhekk jingħad li ttieħdu bosta pariri u suġġerimenti sakemm fl-aħħar waslu għall-konklużjoni li din l-istatwa li ser tintuża għad-dimostrazzjoni għandha tkun dik tal-Madonna fuq id-Dar.



Filfatt hekk ġara. Minnufih, l-istatwa ġiet ordnata u nħadmet għand l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri mill-belt Victoria fis-sena 1949. Bħala spejjeż, din ġiet iffinanzjata minn Ġużepp Grech u l-familja tiegħu, fir-raħal tagħna magħrufin aħjar bħala *tas-Sipa*. Wara li sabu l-benefattur Ġużepp Grech li offra li jħallas l-ispejjeż tagħha, huwa għamlilhom tip ta' patt. Dan il-patt kien jgħid li d-dimostrazzjoni tibda minn quddiem id-dar tiegħu fi Triq Imġarr u propjament minn hawn jaf l-oriġini tiegħu l-famuż marċ tal-Ġimgħa, dak ta' Balzunetta.

Fatt interessanti huwa li, għalkemm l-istatwarju Wistin kellu żmien biżżejjed sabiex din il-vara tkun lesta fil-ħin, meta waslet fir-raħal tagħna, kienet għadha ċċappas!



Wara li nħadmet l-istatwa, raw li minn naħa ta' wara din kienet tidher kemmxejn battala. Minħabba dan il-fatt, ħasbu sabiex din l-istatwa ssirilha r-ruġġiera. Dlonk instab benefattur li kien lest li jagħti l-kontribut tiegħu. Din id-darba kien Ġużeppi Cutajar magħruf aħjar bħala *tar-Raġel*. Dan mexa fuq il-passi tal-benefattur ta' qablu u meta ħallas din ir-ruġġiera għamel tip ta' patt ukoll. Dan kien jgħid li din ir-ruġġiera titwaħħal x'ħin tasal quddiem id-dar tiegħu. Allura dan il-marċ bl-istatwa tal-Madonna tad-Dar kien jitlaq minn quddiem ta' Ġużepp Grech u hekk kif jaslu fejn illum hawn il-Pjazza Arċipretali, il-banda kienet tieqaf hemm u kulħadd kien jitlaqilha b'pass imgħaġġel lejn Triq Ħamri sabiex din l-istatwa tkun tista' titwaħħlilha r-ruġġiera. Minn hemm kienu jirritornaw lura u jmorru fil-Pjazza l-Qadima. Maż-żmien din il-proċedura tal-aħħar inqatgħet u minn Triq Imġarr kienu jgħaddu direttament għall-Pjazza l-Qadima. Il-Marċ ta' Balzunetta nistgħu ngħidu li beda jsir kif propjament nafuh aħna llum il-ġurnata (dan ifisser li l-marċ jintemm fil-Pjazza Madonna ta' Loretu) fl-1978.

Din l-istatwa kien jeħtiġilha pedestal sabiex id-dimostrazzjoni tkun kompluta. Għalhekk wara l-palk kien jintrama pedestal u l-istatwa kienu jtellgħuha minn fuq il-palk għal fuq il-pedestal. Tajjeb li niftakru wkoll



li fis-sena 1989, kien inħadem pedestal ġdid għal din l-istatwa. Dan il-pedestal inħadem minn Ġużeppi Attard mill-belt Victoria fuq disinn tal-mgħallem Salvu Bugeja minn ta' Sliema. Din l-opra tħallset mit-tfal tal-mejjet Ġużepp Grech, *tas-Sipa* b'tifkira ta' missierhom. Dan il-pedestal ġie rinovat mill-Għaqda tal-Armar fl-2002.

Sabiex stajt nikteb dan l-artiklu tkellimt ma' xi nies li jiftakaru xi episodji minn din l-istorja tal-miġja tal-istatwa fostna. Fosthom tkellimt ma' Monsinjur Dun Ġużepp Zerafa, li impressjonani għaliex jaf sal-iċken dettal li huwa marbut ma' din l-istatwa u l-wasla tagħha f'Għajnsielem. Huwa jirrakkonta: "Meta l-istatwa kienet lesta biex tiġi fir-raħal tagħna, jiena niftakar li kienet ġiet mgħobbiha fuq trakk żgħir ta' Ġużepp *ta' Pinu tal-Għaġin*. L-isem ta' dan it-trakk kien 'Il-Madonna ta' Loretu'." Oħrajn irrakkontawli storja jew aħjar xena li raw isseħħ fl-ewwel snin ta' meta bdiet issir id-dimostrazzjoni. Jingħad li kien se jibda l-marċ u mal-kolpi tal-katuba nfetħu bibien is-sema, liema maltempata baqgħet sejra sal-għada tal-festa. (Tajjeb li ngħidu li f'dak iż-żmien, il-festa kienet issir wara l-Vitorja, jiġifieri f'nofs Settembru.) L-istatwa, b'xorti tajba ma ġralha l-ebda ħsara għaliex iddaħħlet ġewwa garaxx minn tal-familija *tas-Sipa*, iżda jingħad li f'dik is-sena l-planċier tal-banda li kien armat fil-Pjazza l-Qadima spiċċa fil-wied il-kbir.



Problema li kienet iġġib magħha din l-istatwa kienet rigward il-post fejn kellha tiġi merfgħuha. Minn sena għall-oħra kienu jfittxu xi maħżen vojt, jew post mhux użat sabiex tkun tista' tinżamm hemm sal-festa tas-sena ta' wara. Xi postijiet partikulari li nżammet fihom din l-istatwa huwa fejn illum hemm l-Ideal Store u ġieli nżammet ukoll fl-istamperija. Wara t-tlestija tal-Knisja Arċipretali fl-1978, l-istatwa tpoġġiet f'waħda minn niċċeċ sakemm fl-1985, inħadmet l-istatwa tal-Ecce Homo. Minħabba f'hekk, il-Madonna tad-Dar bdiet titpoġġa fil-Każin tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp.

Apparti l-post fejn kienet se tinżamm, problema oħra li kienu jaffaċċjaw minn sena għall-oħra kienet dik tar-reffiegħa. Dan għall-fatt li l-marċ tal-Ġimgħa minn dejjem kien wieħed brijuż, li joffri spettaklu u ħin ta' divertiment għalhekk xi kultant kien ikun xi ftit diffiċli li ssib erba' rġiel li jkunu lesti li għal sagħtejn jew aktar jerfgħu l-istatwa meta jkunu jafu li jistgħu jkunu jiżfnu xi żifna u jlegilgu xi grokk ma' sħabhom. Imma minn hawn u minn hemm dejjem kien hemm biżżejjed reffiegħa u kull sena saret u dejjem irnexxiet minn dan ir-rigward





Monsinjur Zerafa qasam miegħi memorji verament sbieħ marbutin ma' din l-istatwa. Huwa jirrakkonta: "Missieri Pawlu Zerafa lil Wistin Camilleri, li ħadem din l-istatwa, kien qallu li d-dar tal-Madonna għandu jagħmilha b'żewġ faċċati għar-raġuni li b'hekk, l-anġli kollha jkunu jidhru tajjeb. Iżda kif inħadmet, żewġ anġli spiċċaw moħbija." Din is-sena, din l-istatwa ġiet irrestawrata minn Rudolph Cauchi u anke sar xi xogħol fuq id-dar li issa nistgħu ngħidu li peress li hija angolata, l-anġli jistgħu jidhru aktar u aħjar.

Tajjeb li ngħidu li f'dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena l-istatwa tal-Madonna tad-Dar ġiet offruta kenn fil-Każin tal-Banda tar-raħal tagħna. Huwa fatt interessanti wkoll li issa l-Għaqda Mużikali San Ġużepp iffinanzjat ir-restawr kollu li kien meħtieġ għal din l-istatwa. Parti mill-proġett li qed isir bħalissa fil-Każin jinvolvi wkoll li din l-istatwa mhux biss jingħatalha post ta' kenn iżda post ta' kenn dinjituż u li verament jixraq lil biċċa xogħol li hija sinjifikanti ħafna għar-raħal ta' Għajnsielem. Għalhekk huwa pjanat li din l-istatwa titpoġġa ġo niċċa ġos-sala prinċipali tal-Każin.

Hija ħaġa għaqlija li din l-istatwa ġiet restawrata u qed terġa' issib postha fil-Festa tagħna l-Għajnselmiżi. Din is-sena għall-ewwel darba, din l-istatwa se takkumpanja l-marċ tal-Ħamis mill-Pjazza l-Qadima sal-Pjazza Arċipretali. B'dan il-mod ikollna ġojjell ieħor fir-raħal tagħna, ġojjell li jkompli jikkumplimenta l-armar li jżejjen il-pjazzez u t-triqat tar-raħal tagħna matul dawn il-ġranet tal-Festa. Qed nirreferi għal din l-istatwa bħala ġojjell għaliex tirrakkonta storja, storja ta' aktar minn ħamsin sena. Huwa ta' min jgħożż din l-istatwa, jippreservha, japprezzha u jagħtiha l-ġieħ li jistħoqilha!

***Jiena, minn qalbi nixtieq nawgura l-Festa t-tajba lill-Għajnselmiżi kollha!***